MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2167/2004

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta l-assikurat taghha Mario Spiteri u l-istess Mario Spiteri**

**Vs**

**Victor Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Novembru 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lil-atturi s-somma ta' hames mija u sitta u disghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm596.66) dovuti in kwantu ghas-somma ta Lm550.66 bhala danni kagonagti fil-vettura tal-attur Mario Spiteri, Lm11.50 prezz tas-survey, u Lm34.50 bhala telf ta uzu tal-vettura numru GBB 637 u dana b'rizultat ta ncident stradali li sehh fis-16 ta Lulju 2003 fi triq il-qasab B'kara waqt li l-istess konvenut kien qieghed isuq il-vettura CAB 316 proprjeta

tieghu stess u dahal gol vettura bin-numru ta registrazzjoni GBB 637 proprjeta ta l-attur Mario Spiteri u misjuqa minnu stess ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-konvenut kawza ta mprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-25 ta Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u l-anqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma kif rikjesta ta' hames mija u sitta u disghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm596.66) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha kif mitluba nkluz ta' dina l-istanza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------